



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.3.2015
COM(2015) 125 final

2012/0084 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

**il-pożizzjoni tal-Kunsill b'rabta mal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew
u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Isvizzera)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill b’rabta mal-adozzjoni ta’ Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-Istatistika Ewropea

(Test b’rilevanza għaż-ŻEE u għall-Isvizzera)

1. KUNTEST

Id-data meta l-proposta ntbagħtet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill is-17 ta’ April 2012
(id-dokument COM(2012) 167 finali – 2012/0084 COD):

Id-data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: Mhux applikabbli

Id-data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew wara l-ewwel qari: il-
21 ta’ Novembru 2013

Id-data meta ntbagħtet il-proposta emendata: Mhux applikabbli

Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill: il-5 ta’ Marzu 2015

2. L-GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Il-proposta titlob li ssir reviżjoni tal-qafas legali bażiku li hemm fis-seħħ bħalissa għall-istatistika Ewropea billi dan jiġi adattat biex jissodisfa l-ħtiġijiet u l-isfidi tal-politika li qed tthabbat wiċċha magħhom l-istatistika Ewropea minħabba l-iżviluppi riċenti fl-ekonomija globali. Il-mira ewlenija hija li tissaħħaħ aktar il-governanza fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika sabiex titħares il-kredibbiltà għolja tagħha u sabiex din tkun tista’ twieġeb b’mod adegwat għall-ħtiġijiet tad-dejta li ġejjin mit-titjib tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fl-Unjoni Ewropea. L-erba’ għanijiet aktar speċifiċi li jikkontribwixxu għal din il-mira huma: it-tisħiħ tal-indipendenza professjonali tal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika; l-għoti ta’ kjarifika dwar ir-rwol ta’ koordinazzjoni tal-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika fis-sistemi nazzjonali tal-istatistika; l-istabbiliment tal-“Impenji dwar il-Fiduċja fl-Istatistika”; u t-titjib tal-aċċess għad-dejta amministrattiva għall-finijiet tal-istatistika u tal-użu ta’ din id-dejta.

B’mod partikulari, l-indipendenza professjonali mhux ikkundizzjonata tal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika hi prerekwiżit ewlieni għaż-żamma tal-kredibbiltà għolja tal-istatistika Ewropea fir-rwol ewlieni tagħhom ta’ appoġġ għall-governanza ekonomika u għat-tfassil tal-politika abbażi tal-evidenza b’mod ġenerali. Il-proposta tirreferi biċ-ċar għall-Kapijiet tal-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika bħala persuni li jridu jkunu indipendenti fit-twettiq ta’ dmirijethom sabiex tiġi stabbilita l-indipendenza tal-istituzzjonijiet rispettivi. Għal dak il-għan, il-Kapijiet tal-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika għandu jkollhom il-libertà jiddeċiedu dwar il-proċessi, il-metodi tal-istatistika u l-istandards u l-proċeduri, u dwar il-

kontenut u l-għażla taż-żmien tar-rilaxxi u tal-pubblikazzjonijiet tal-istatistika għall-istatistika Ewropea kollha. Dawn għandhom ukoll jiġu pprojbiti milli jitolbu struzzjonijiet mingħand il-gvernijiet nazzjonali u istituzzjonijiet oħra, u għandhom jitħarsu wkoll milli jirċievu t-tali struzzjonijiet. Barra minn hekk, il-Kapijiet tal-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika għandhom jingħataw awtonomija konsiderevoli biex jiddeċiedu dwar l-amministrazzjoni interna tal-uffiċċju tal-istatistika u għandhom jitħallew jikkummentaw fil-pubbliku dwar il-baġit allokat għall-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika fil-kuntest tal-kompiti tal-istatistika li jridu jitwettqu. Minbarra dan, irid ikun hemm regoli trasparenti għall-ħatra, it-trasferiment u s-sensja tal-Kapijiet tal-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika, imsejsa biss fuq kriterji professjonali.

Kif stipulat il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha msejħa “Lejn immaniġġjar sod tal-kwalità għall-Istatistika Ewropea” (COM(2011) 211 finali), il-proposta tinkludi wkoll l-istabbiliment tal-“Impenji dwar il-Fiduċja fl-Istatistika”, jiġifieri d-dikjarazzjonijiet ta’ ħarsien tal-Kodiċi ta’ Prattika tal-Istatistika Ewropea, u b’mod partikulari tal-prinċipju tal-indipendenza tal-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika. Skont il-proposta, il-gvernijiet tal-Istati Membri kollha u l-Kummissjoni għandhom jiffirmaw dawn l-impenji. Kull impenn hu maħsub biex ikun speċifiku għall-pajjiż u jinkludi azzjonijiet ta’ titjib. L-Eurostat se jimmonitorja l-implimentazzjoni effettiva ta’ dawn l-azzjonijiet bħala parti mill-miżuri li diġà ġew stabbiliti biex tiġi vvalutata regolarment il-konformità tal-Istati Membri mal-Kodiċi ta’ Prattika tal-Istatistika Ewropea.

Il-proposta tipprova tikkjarifika wkoll ir-rwol ta’ koordinazzjoni tal-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika fis-sistemi nazzjonali tal-istatistika billi tirreferi b’mod espliċitu għall-istituzzjonijiet u l-funzjonijiet li jridu jiġu kkoordinati.

Għan ewlieni ieħor tal-proposta hu li ssaħħa l-użu tas-sorsi tad-dejta amministrattiva għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea mingħajr ma jiżdied il-piż fuq dawk li jwieġbu, fuq l-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika u fuq awtoritajiet nazzjonali oħrajn. Għal dak il-għan, l-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika għandhom ikunu involuti, sa fejn ikun meħtieġ, fid-deċiżjonijiet dwar it-tfassil, l-iżvilupp u l-waqfien tar-rekords amministrattivi li jistgħu jintużaw fil-produzzjoni tad-dejta tal-istatistika. L-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika, l-awtoritajiet nazzjonali oħrajn u l-Eurostat għandhom jingħataw aċċess liberu u f’waqtu għar-rekords amministrattivi, iżda dan għandu jsir fil-limiti tas-sistema tal-amministrazzjoni pubblika rispettiva tagħhom biss u sa fejn ikun meħtieġ għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea.

Barra minn hekk, sabiex jiġi ssimplifikat l-ippjanar tal-baġit għall-attivitajiet tal-istatistika u biex dan isir aktar stabbli, il-proposta tallinja l-perjodu ta’ programmazzjoni tal-programm statistiku Ewropew mal-qafas finanzjarju pluriennali tal-Unjoni.

Fl-aħħar nett, l-emenda proposta tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tqis l-aġġustamenti meħtieġa fit-Trattat ta’ Lisbona f’dak li għandu x’jaqsam mal-ġoti tas-setgħat ta’ delega u ta’ implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill tirrifletti l-ftehim politiku mil-huq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fit-3 ta’ Diċembru 2014 u tinkludi elementi proposti miż-żewġ istituzzjonijiet. Il-Kummissjoni tappoġġa dan il-ftehim.

L-emendi ewlenin inklużi f’din il-pożizzjoni, meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni, huma spjegati fid-dettall hawn taħt.

Għas-sitwazzjoni speċifika tal-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika, qed isiru emendi li jillimitaw il-kamp ta’ applikazzjoni tas-setgħa tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-kapijiet tal-Uffiċċji

Nazzjonali tal-Istatistika b'rabta mal-istatistika kif propost mill-Kummissjoni, biex dan jiġi ristrett b'mod partikulari għal kwistjonijiet fl-istituzzjoni tagħhom stess. Barra minn hekk, id-dispożizzjoni dwar l-indipendenza professjonali qed tiġi estiża biex, minbarra l-Kapijiet tal-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika, tkopri wkoll il-“kapijiet tal-istatistika ta' awtoritajiet nazzjonali oħrajn”.

Għas-sitwazzjoni speċifika tal-Eurostat, qed jiddaħħal Artikolu addizzjonali li huwa msejjes, fil-biċċa l-kbira tiegħu, fuq elementi li diġà ġew previsti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-Eurostat (id-Deċiżjoni 2012/504/UE), li jiffoka fuq l-indipendenza professjonali tad-Direttur Ġenerali tal-Eurostat biex tiġi żgurata l-korrispondenza mad-dispożizzjonijiet rispettivi li japplikaw għall-kapijiet tal-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika. Il-kompromess jifformalizza, b'mod partikulari, l-fatt li ta' kull sena jsir djalogu dwar l-istatistika li se jippermetti li jkun hemm skambju dirett tal-fehmiet bejn id-Direttur Ġenerali tal-Eurostat u l-Kumitat rilevanti tal-Parlament Ewropew dwar kwistjonijiet marbutin mal-istatistika.

Id-dispożizzjoni dwar l-istabbiliment tal-“Impenji dwar il-Fiduċja fl-Istatistika” min-naħa tal-Istati Membri qed tiddgħajef iżda qed tingħaqad ma' deskrizzjoni aktar iddettaljata tal-proċess ta' monitoraġġ u ta' rappurtar li l-Kummissjoni għandha ssegwi.

Bi tweġiba għat-talba tal-Parlament Ewropew biex jissaħħu l-monitoraġġ u l-infurzar tal-kwalità, iddaħħlu dispożizzjonijiet li jipprevedu l-pubblikazzjoni tat-tfassil tal-Kummissjoni dwar il-kwalità tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali għall-istatistika Ewropea u li jfakkru li l-Kummissjoni għandha l-possibbiltà twettaq investigazzjonijiet f'każijiet fejn tissuspetta li hemm rappreżentazzjoni ħażina tad-dejta tal-istatistika, dejjem jekk f'dawn il-każijiet ikunu japplikaw il-multi bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni settorjali.

Fl-aħħar nett, żdiedu iktar referenzi għall-kooperazzjoni bejn is-Sistema Ewropea tal-Istatistika u s-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali b'rabta mal-kompilazzjoni tal-istatistika Ewropea.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni taċċetta r-risultati tan-negozjati interistituzzjonali u għalhekk tista' tappoġġa l-pożizzjoni tal-Kunsill wara l-ewwel qari.